Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Avviz 2/2012AE

**Mark u Nathalie Farrugia**

**Vs**

**K.N.K Airconditioners Co Ltd**

It-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2015.

Il-kumpannija konvenuta appellat minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi tal-4 ta' Mejju 2012 li permezz taghha giet kundannata thallas is-somma ta' erba' mitt ewro (€400), bl-ispejjez. Mill-atti jirrizulta li l-atturi kienu xtraw solar water heater minghand il-konvenuta u lmentaw li fih id-daqqiet. Min-naha taghha l-konvenuta wiegbet li l-apparat li twahhal ma kellux difetti.

Fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx x'iziedu ma' dak li jinghad fir-rikors tal-appell u twegiba.

L-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti:-

1. **Id-decizjoni ma tirriflettix it-talba maghmula ghaliex l-appellati talbu li jinbidel is-*solar water heater* u t-Tribunal ikkundanna lill-appellanti thallas €400**.

   Il-qorti ma' taqbilx. Hu veru li fl-avviz tat-talba jinghad li l-appellanti xtaqu li jinbidel l-apparat. Pero' hu evidenti li t-Tribunal kien tal-fehma li gialadarba kien jidher li d-difett kien estetiku, allura kkundanna lill-appellanti thallas is-somma ta' €400. It-Tribunal ta rimedju li fic-cirkostanzi deherlu li kien xieraq. Wara kollox l-Artikolu 21(1) tal-Att dwar Affarijiet tal-Kosumatur (Kap. 378) jipprovdi li t-Tribunal ghandu jiddeciedi wkoll skond l-ekwita'.

2. **L-arbitru kellu jilqa' t-talba ghar-rikuza ghaliex kien ilu jippatrocina lill-mara tad-direttur tal-appellanti, f'kawza ta' separazzjoni**.

   It-talba ghar-rikuza saret b'rikors fl-4 ta' Mejju 2011 wara li l-kaz gie differit ghas-sentenza (ara verbal tas-26 ta' April 2011). Talba li giet michuda b'digriet moghti fil-5 ta' Mejju 2011. 'Il qorti ma tistax taccetta dan l-aggravju. L-ewwel seduta quddiem it-Tribunal saret fit-12 ta' Ottubru 2010. Sakemm saret l-ahhar seduta (26 ta' April 2011) ma jirrizultax li l-appellanti talbet ir-rikuza tal-arbitru. Il-passivita' tal-

appellanti turi li ma kellha l-ebda oggezzjona ghall-arbitru li kien qieghed jisma' l-kaz. F'kull kaz ir-raguni li nghatat m'hijiex wahda minn dawk kontemplati mil-ligi (Artikolu 734(1) tal-Kap. 12).

3. **It-Tribunal sema' lill-partijiet minghajr gurament** (Artikolu 23(2) tal-Kap. 378 jipprovdi li l-arbitru *"ghandu jizgura li x-xiehda quddiem it-Tribunal ghandha f'kull kaz tinghata bil-gurament"*).

   Fis-sentenza jinghad li l-atturi (illum appellati) xehedu bil-gurament, ghalkemm dan ma jinghadx fil-verbali. Kull m'hemm fil-verbali tas-seduta tat-12 ta' Ottubru 2010 u tal-10 ta' Dicembru 2010 hu li: *"Ir-rikorrenti ddiskutew il-kaz"*. Il-qorti fehemet li f'dawn is-seduti l-appellati taw il-verzjoni taghhom. L-appellanti ma ressqitx provi dwar dan l-aggravju. Kull m'hemm hi allegazzjoni. Ghalkemm qalet li fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2010 kien hemm prezenti d-difensur taghha, quddiem din il-qorti ma xeheditx. Inoltre, il-qorti tistenna li jekk il-verzjoni tal-appellanti hi l-verita', id-difensur taghha kienet tattira l-attenzjoni tal-arbitru li ma kienx inghata l-gurament jew ghallinqas tivverbalizza. F'kull kaz l-appellanti zgur li ma tafx x'sar fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2010 ghaliex hadd ma deher ghaliha. Il-presunzjoni ghandha tkun li t-Tribunal sema' x-xiehda bil-gurament. Ghalkemm fil-verbali ma jinghadx li l-atturi xehedu bil-gurament, il-presunzjoni ghandha tkun li l-gurament inghata lil kull xhud. Min ighid mod iehor ghandu jaghti prova. Fil-fehma tal-qorti dan l-aggravju baqa' semplici allegazzjoni.

4. **It-Tribunal ma tax kaz tax-xiehda ta' Pierre Vella Petroni**.

   Jirrizulta li fl-10 ta' Dicembru 2010 deheret biss id-difensur tal-appellanti. Dakinhar it-Tribunal iddiferixxa l-kawza ghas-sentenza. Wara dik is-seduta l-appellanti pprezentat rikors fejn talbet lit-Tribunal biex tinghata opportunita' ohra biex tressaq il-provi taghha. It-Tribunal laqa' t-talba. Is-seduta ta' wara saret fis-26 ta' April 2011 li ghaliha attendew l-appellati, Pierre Vella Petroni ghall-appellanti assistit mill-avukat. Il-qorti tifhem li dakinhar l-appellanti ressqet il-provi gialadarba li kien laqa' t-talba taghha biex tinghata l-opportunita tressaq il-provi taghha qabel jaghti s-sentenza. Fil-verbal jinghad: *"Iz-zewg partijiet iddiskutew il-kaz. Il-kawza giet imhollija ghas-sentenza"*. Fis-sentenza jinghad li:-

   i. It-Tribunal sema' lill-atturi bil-gurament. Pero' ma jinghadx li sema' x-xhieda ta' Pierre Vella Petroni. Dwar l-appellanti t-Tribunal osserva li: *"L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba,* ***izda m'attendiex ghas-seduta****"* (enfazi mizjuda).

   ii. *"**L-intimat debitament notifikat u msejjah tliet darbiet ma deherx ghas-seduta** u dan minkejja li kien notifikat kemm*

*bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, minkejja li ssottometta risposta bil-miktub*".

Mela hu evidenti li t-Tribunal iddecieda dan il-kaz daqslikieku l-appellanti ma ressqitx provi, meta hu evidenti li dan m'huwiex il-kaz. Fic-cirkostanzi l-qorti m'ghandhiex triq ohra ghajr li thassar is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2012, in kwantu t-Tribunal mar kontra l-principji tal-gustizzja naturali (Artikolu 22(c) tal-Kap. 378).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti:-**

1. **Tichad l-ewwel, tieni u tielet aggravju.**
2. **Tilqa' r-raba' aggravju tal-appellant u thassar is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2012. Peress li d-deposizzjoni tax-xiehda ma gietx traskritta hemm bzonn li din il-qorti tisma' bil-gurament lill-atturi u Pierre Vella Petroni.**

**Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet gialadarba hu evidenti li dak li gara kien minhabba zball tat-Tribunal**.

Anthony Ellul.